KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 31**

**It-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera (daħlet fis-seduta fis-17:40) |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

## 31.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**31.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**31.01.02** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' safar. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 31.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 30)

**31.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 30.

**31.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 30 ġew approvati unanimament.

## 31.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**31.03.01** *Servizz ta' server*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal server, hekk kif saru l-arranġamenti fil-kamra ta' fuq tal-binja tal-Kunsill sabiex isir server. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €2,481.20. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**31.03.02** *Tisqija addizzjonali*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal tisqija addizzjonali. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €354 għal kull darba li jingħata s-servizz. Dan l-ammont għandu jitnaqqas mill-ammont tal-kuntrattur attwali kull darba li dan jonqos milli jagħmel dan ix-xogħol. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni u li nimxu li jitnaqqas mill-ammont tal-kuntrattur.

**31.03.03** *Loġistika għar-riċeviment ta' Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għar-riċeviment ta' Jum Birżebbuġa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €3,764.20. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**31.03.04** *PPC/PVC barriers*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal 100 barrier sabiex il-Kunsill ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu fl-eventwalità li jkun hemm bżonn jingħalqu xi toroq. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €5,310. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie maqbul li jinxtraw ċipep għal dawn il-barriers. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni u sabiex jinxtraw iċ-ċipep.

**31.03.05** *Mużika għal Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li diġà ġiet ċirkolata kwotazzjoni permezz ta' email lill-kunsilliera kollha mingħand il-grupp Kantera. Din tammonta għal €1,770. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 31.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**31.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi Triq Herakles, quddiem il-banka tal-lottu, għaddejjin ix-xogħlijiet min-naħa ta' Project Green.

**31.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-ġranet li ġejjin se jibdew ix-xogħlijiet fuq il-linji fil-Bajja s-Sabiħa. Ix-xogħlijiet se jibdew bil-linji li huma l-aktar importanti għas-sigurtà u wara jitkomplew bil-linji tal-parkeġġ. Dawn ix-xogħlijiet se jsiru matul il-lejl sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent waqt il-ħin tal-ġurnata.

**31.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ż-zebra crossing, pjanata quddiem il-Miracle Foods, ġiet approvata minn TM, però din l-entità tal-aħħar reġgħet qabbdet lill-kuntrattur li se jaħdem sabiex iġib permessi addizzjonali u għaldaqstant din se tiġi implimentata għall-bidu ta' Lulju.

**31.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħol fuq id-drenaġġ fl-inħawi ta' San Ġorġ qed joqrob lejn it-tmiem tiegħu. Se jiġi installat cable tad-dawl ġdid permezz tas-sleeves eżistenti mingħajr ma jinqala' l-wiċċ tat-triq u matul Settembru se jibda x-xogħol ta' tisbiħ.

**31.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li lbieraħ kellu laqgħa ma' rappreżentanti minn IM fejn dawn talbu l-listi ta' toroq pendenti li hemm f'kull Kunsill. Huwa semma li ġie infurmat li għal Settembru IM se tkun qed tibda l-proċess biex isiru mill-ġdid Triq il-Fossili, Triq iż-Żurrieq u Triq is-Sajjied. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li lil IM għaddejnielhom lista ta' prijoritajiet fejn jidħlu toroq sekondarji li ntużaw meta kien hemm ix-xatt magħluq u li qegħdin fi stat li jridu jsiru mill-ġdid. Dawn it-toroq huma San Edwardu, San Ġwann u San Tumas.

**31.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlu diversi lmenti fuq it-tindif ta' madwar il-lokalità. Huwa ċċekkja mal-Cleansing Department dwar dan u ġie infurmat li naqsu ħafna ħaddiema minn magħhom. Semma wkoll li talab għal laqgħa urġenti mal-kap il-ġdid tal-Cleansing sabiex jiġu diskussi numru ta' nuqqasijiet u jsir pjan ta' ħidma aħjar.

## 31.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**31.05.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar il-ħaddiema tal-Cleansing. Hija semmiet li skont il-kuntratt li għandna mal-Cleansing suppost ikollna 5 ħaddiema u skont l-informazzjoni li għandha qed ikun hemm 4 billi telaq wieħed u ma ġie ħadd iktar minfloku. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din il-mistoqsija ġiet diskussa fl-aħħar punt tal-komunikazzjoni minnu.

**31.05.02** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar il-ħoloq tad-dgħajjes. Huwa semma li resident li għandu d-dgħajjes f'San Ġorġ infurmah li hemm problemi bil-ħoloq li jorbtu d-dgħajjes magħhom. Meta r-resident kellem lil TM dawn bagħtuh għand il-Kunsill Lokali sabiex jara s-sitwazzjoni. Huwa xtaq jikkonferma jekk il-Kunsill għandux jedd jew reġistru tal-ħoloq u jekk bħala Kunsill jistax jinforma lil TM b'din il-problema. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din ma jidħolx fiha l-Kunsill u r-resident irid jikkomunika ma' TM – is-sezzjoni tal-mooring.

**31.05.03** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar kameras ta' San Ġorġ. Semma li wara diskussjoni mal-Għaqda tas-Sajjieda, xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħmel kamera ta' sorveljenza li tagħti għal fuq id-dgħajjes tan-naħa ta' ġewwa tal-bajja billi għandu l-binja tagħti għal fuq l-istess bajja. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fejn jidħlu dgħajjes jissuġġerixxi Skyline webcams.

**31.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-promenade ta' San Ġorġ. Huwa semma li filwaqt li jifhem li x-xogħol li qed isir huwa essenzjali għas-sistema tad-drenaġġ, ix-xogħol li qed isir qiegħed jimblokka l-aċċess għal Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ, b'inkonvenjent kbir għar-residenti u b'riskju f'każ ta' emerġenza. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti pjan tal-proġett għal din il-fażi tax-xogħlijiet li qed isiru u jekk jistax jara li l-aċċess jerġa' jinfetaħ mill-aktar fis permezz tat-tneħħija tar-radam u tal-ħolqien ta' passaġġi fejn dan huwa possibbli fuq it-trinek. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li x-xogħol ta' drenaġġ irid ikun magħluq sa Lulju, jieqaf f'Awwissu, u jkompli f'Settembru.

**31.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Triq Joseph Farrugia 'Ir-Riki' kantuniera ma' Triq il-Brolli. Huwa semma li l-għalqa li tinsab bejn dawn iż-żewġ toroq qed tibqa' tintuża għar-rimi ta' skart ta' kull tip. Semma li filwaqt li jifhem li din l-art hija tal-gvern u li hemm terzi li għandhom id-dritt għall-użu tagħha, l-istat attwali tagħha huwa ta' detriment għar-residenti taż-żona. Huwa xtaq ikun jaf jekk jistgħux jiġu installati kameras f'din iż-żona bħala mezz biex jitnaqqas dan l-abbuż. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kameras fuq art privata ma jistgħux isiru, iżda tista' titpoġġa mobile camera temporanja.

**31.05.06** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar bankina fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti aġġornament dwar il-bankina fil-Bajja s-Sabiħa, in-naħa tal-ħwienet. Huwa semma li bħala kunsillier għadu qed jiġi avviċinat minn numru ta' residenti li waqgħu jew kienu se jaqgħu minħabba kif saret din il-bankina. Semma wkoll li jidher li parti mill-bankina quddiem stabbiliment partikolari ġiet mgħottija. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill tkellem mal-WSC biex tirranġa fejn hemm ħażin.

**31.05.07** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-linji fi Triq Tal-Ġebel. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti aġġornament dwar meta se jsiru l-linji fil-bidu ta' Triq Tal-Ġebel. Huwa semma li xi linji f'din it-triq saru ftit tal-ġimgħat ilu, iżda jidher li x-xogħol reġa' waqaf. Fejn din it-triq tiltaqa' ma' Triq ir-Raddiena saru xi inċidenti li, tal-inqas parzjalment, setgħu kienu kkawżati minn nuqqas ta' linji. Barra minn hekk, il-linji mat-tarf tat-triq fin-naħa tal-lemin, int u tiela', għadhom ma sarux. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li saret tfakkira lil Koptasin.

**31.05.08** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar banners fil-promenade. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jitlob li jitneħħew il-banners li tpoġġew mill-PWD minn Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ sa kważi ħdejn il-Kunsill, issa li tlesta x-xogħol ta' manutenzjoni tax-xatt qabel is-sajf. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn huma parti mill-branding tal-PWD fuq il-proġett li għaddej.

## 31.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**31.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Mejju 2026.

**31.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ġiet ippubblikata t-tieni sejħa tat-tender tal-vettura. Din is-sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2026, fejn għal

darb'oħra ma applika ħadd. Huwa semma li issa se nitolbu lid-Diviżjoni sabiex ittina direzzjoni ta' kif se nipproċedu.

**31.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hekk kif ġie deċiż fl-aħħar seduta, matul dan ix-xahar inħarġet is-sejħa għal uffiċjal klerikali fi skala 16. Sa filgħodu daħlu 20 applikazzjoni għal din is-sejħa. Huwa talab sabiex jinħatar bord tal-membri tal-għażla kif ukoll tiġi stabbilita data għall-intervisti. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li l-bord ikun wieħed indipendenti magħmul minn segretarji eżekuttivi u persuna teknika.

**31.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta l-lista ta' assi li hemm bżonn jiġu mneħħija minn fuq il-kotba tal-Kunsill. Wara li ġew verifikati, ġie maqbul li dawn jiġu mneħħija mil-lista peress li kienu ġew imwarrba billi ma baqgħux jiffunzjonaw. Il-kunsilliera preżenti qablu li dawn jintremew.

**31.06.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li s-Sindku Scott Camilleri wera x-xewqa sabiex jibda l-proċess għal tender ġdid ta' road markings, tabelli, road humps, mirja, etċ., billi d-direct orders huma limitati u hemm numru sostanzjali ta' toroq pendenti. Il-kunsilliera preżenti qablu li jibda l-proċess biex jinħareġ dan it-tender.

**31.07 Korrispondenza**

**31.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm korrispondenza għaddejja bejn SCH u Heritage Malta rigward luzzu mitluq fil-parkeġġ ta' Triq San Ġorġ sabiex dan jinxtara minn SCH u żżommu din l-entità. Il-Kunsill Lokali se jibgħat komunikat lil Heritage Malta sabiex sakemm isiru dawn l-arranġamenti dan il-luzzu jitmexxa għal Għar Dalam.

**31.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza għal permess sabiex issir tombla bil-mużika fuq barra ta' restorant fil-Bajja s-Sabiħa. Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li meta fil-passat ingħataw permessi simili, dejjem kien hemm problemi mar-residenti, għalhekk din it-talba ma ġietx aċċettata billi l-post huwa żona residenzjali.

**31.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna ċirkolazzjoni ta' komunikazzjoni rigward pubblikazzjoni ta' filmati u ritratti mill-Kunsilli Lokali fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali minn IDPC fejn infurmawna li għall-ebda raġuni ma jistgħu jittellgħu ritratti ta' persuni qed jarmu b'mod illegali.

**31.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand Project Green sabiex il-pocket gardens jingħataw isem. Din l-entità proponiet li l-ġnien li għadu kif sar fi Triq Dun Ġorġ Zammit jingħata l-isem ta' 'Tal-Papa Community Garden'. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li l-isem ma jsirx kif propost minn Project Garden billi ż-żona ta' Tal-Papa mhijiex eżatt fejn jinsab dal-ġnien, għalhekk ġie propost l-isem ta' 'Girgħien Community Garden'.

**31.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar ġimgħat saret laqgħa ma' Project Green rigward l-eks bandli fi Triq Santa Katarina, fejn dawn għamlu proposta għal ġnien.

Huwa ta spjegazzjoni ta' x'se jkun qed isir f'dan il-ġnien. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan il-proġett.

**31.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand resident li lmenta rigward disabled bay li ma jridx quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq iż-Żurrieq. Dan wera x-xewqa li din timxi għal quddiem il-plot vojt li hemm fl-istess triq. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li quddiem dan il-plot ma jistax isir id-disabled bay billi dan il-plot qed jiġi żviluppat, għalhekk il-Kunsill se jibgħat komunikat lil TM sabiex jiggwidawna huma.

*Hawnhekk il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea pparteċipa online.*

**31.07.07** Il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea ta spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni PA4406/20, rigward iż-żona tal-Girgħien. Il-Kunsill Lokali ddiskuta l-pjanti l-ġodda għall-inħawi tal-Girgħien u se jibgħat ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu dwar il-problemi li jara f'dan l-iżvilupp.

**31.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand resident li wera x-xewqa li jkollu permess mill-Kunsill biex jagħmel statwa tal-Madonna fil-pjazzetta ta' Triq San Filippu u jieħu ħsiebha hu. Il-kunsilliera preżenti qablu li jinħareġ dan il-permess fuq din l-art pubblika.

## 31.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**31.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

## 31.09 Reply għall-Management Letter 2025

*Hawnhekk l-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**31.09.01** L-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni qasira rigward ir-risposta li se tingħata dwar il-management letter wara li sar l-awditjar fil-ġimgħat li għaddew.

**31.09.02** L-accountant tal-Kunsill semmiet punt rigward l-ammont li l-Kunsill għandu jirċievi mingħand Żurrieq Joint Committee. Din il-problema għadha ma ssolvietx, minkejja li anke d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali intervjeniet u li sa issa għadu ma kienx hemm qbil bejn dawk kollha li kienu involuti f'dan il-Joint Committee.

**31.09.03** L-accountant tal-Kunsill semmiet il-kwistjoni ta' Alfred Schembri, fejn fil-leġiżlaturi tal-passat il-Kunsill ta' dak iż-żmien kien żamm il-pagamenti minħabba issue fit-tender l-antik. Din il-kwistjoni kienet ġiet diskussa f'seduti preċedenti.

**31.09.04** L-accountant tal-Kunsill semmiet li kien hemm invoice nieqsa ta' €10,000 mis-supplier tad-dawl. Din l-issue ġiet settled waqt l-audit stess.

**31.09.05** L-accountant tal-Kunsill semmiet rigward il-kuntrattur tal-iskema tal-PPP u għadha pendenti billi hemm kawża l-qorti. Il-Kunsill qed jieħu r-rakkomandazzjonijiet tal-awdituri biex din tibqa' tiġi diskussa.

**31.09.06** L-accountant tal-Kunsill semmiet li l-klassifikazzjoni tal-property, plant and equipment saret ħażin u għalhekk ġiet imsemmija fil-management letter.

**31.09.07** Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lill-accountant, lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-istaff amministrattiv għall-mod ta' kif imxiet il-ħidma fiż-żmien tal-awditjar u li l-ftit problemi li baqa' ma ssolvewx, għalkemm sar minn kollox biex jiġu solvuti, huma ta' natura li tieħu ħafna żmien u ma kienx jiddependi biss mill-istaff tal-Kunsill.

## 31.10 Festa San Pietru 2026

**31.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li nhar is-Sibt li għadda saret l-ewwel laqgħa flimkien mal-entitajiet kollha relatati mal-festa. Semma wkoll li nhar il-Ħamis se ssir laqgħa oħra mal-uffiċjali tal-LESA. Huwa ta spjegazzjoni tal-attivitajiet li se jsiru kif ukoll tal-pjan tat-traffiku li ħejja, fejn semma li mit-Tnejn sal-Erbgħa x-xatt se jkun miftuħ ring road. Rigward permessi ta' gabbani, dawn se jingħataw mill-Ħamis sal-Ħadd, fejn il-Ħadd il-permess ikun għal ġurnata sħiħa. Il-permessi għall-imwejjed u s-siġġijiet se jkunu jistgħu jsiru mit-Tnejn sal-Ħadd, fejn mit-Tnejn sas-Sibt flgħaxijiet biss (mis-19:00 'l quddiem) u l-Ħadd ġurnata sħiħa. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, din is-sena ġie deċiż li ma jsirux mobile toilets.

## 31.11 Jum Birżebbuġa 2026

**31.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jiltaqgħu hu u l-Kunsillier Darren Mark Debono rigward Jum Birżebbuġa nhar it-3 ta' Lulju 2026 fl-16:00 fil-ġnien f'Tal-Papa.

**31.11.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li l-applikazzjonijiet għan-nomini se jkunu miftuħin bejn is-6 u l-20 t'Awwissu 2026.

**31.11.03** Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li s-Sa Doriana Zammit Portelli u s-Sur Anton Falzon ikunu l-preżentaturi għal din l-attività. Dawn se jieħdu ħsieb ukoll li jipprovdu l-iskript. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

**31.11.04** Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-bord tal-għażla tan-nomini jkun magħmul mis-Sa Laura Cunningham, is-Sur Joe Debattista, is-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-Kunsillier Karel Zahra, u l-Kunsillier Ivan Abela Grech. Il-bord se jiltaqa' nhar it-Tlieta 25 t'Awwissu 2026.

## 31.12 Car park agreement

**31.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ntlaħaq qbil fuq il-ftehim tal-car park tal-Freeport. Il-car park se jiġi amministrat direttament minn Malta Freeport. Il-maġġoranza tal-punti li l-Kunsill talab lil Malta Freeport ġew milqugħa. Semma wkoll li se ssir sistema ta' fejn wieħed jista' jirreġistra l-vettura tiegħu mal-Kunsill sabiex jibbenifika minn 100 siegħa ta' parkeġġ bla ħlas. Wara 100 siegħa, ir-resident ma jkunx jista' jipparkja ġewwa l-parkeġġ għal 4 sigħat. F'każ li r-resident jagħżel li jipparkja ġewwa l-parkeġġ wara l-100 siegħa, jibdew japplikaw ir-rati ordinarji ta' parkeġġ kif iffissati mill-MFC. Il-Kunsill ma jġorr l-ebda responsabbiltà dwar dan. Dawn se jkunu r-rekwiżiti tal-iskema tal-eliġġibbiltà:

- persuni reġistrati bħala residenti ta' Birżebbuġa;
- li jkunu sidien ta' vetturi reġistrati validament;
- kull applikant jista' jkollu massimu ta' 2 vetturi li jgawdu minn dil-iskema;
- l-imsemmija vetturi ma jistgħux ikunu reġistrati għall-kiri (QZ number plates) jew għat-trasport tal-passiġġieri (LY number plates).

**31.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-pjan huwa li din tidħol fis-seħħ mill-1 t'Ottubru 2026.

### 31.13 Attivitajiet u skemi

**31.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-iskema tal-karnival.

1. *SPI/SCI/06/2026 – Finanzjament – Karnival 2027*
    - Għal din l-attività hemm finanzjament ta' €5,000 u se ssir bħas-sena l-oħra.
    - Se tintbagħat email formali lis-surmast tal-iskola sabiex jiġi suġġerit li din l-attività ssir nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Frar 2027.

### 31.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**31.14.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**31.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondat mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

### 31.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**31.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:10 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________ | ______________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |